

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Jannar 2009

li tistabbilixxi l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/78/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

attwali jew ma titnaqqas ir-responsabbiltà tas-superviżuri⁽⁴⁾.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(5) Fil-laqgħa tiegħu fit-13 u l-14 ta' Marzu 2008, il-Kunsill Ewropew talab għat-titjib imħaffef tal-funzjonament tal-Kumitati tas-Superviżuri⁽⁵⁾.

Billi:

(1) Bħala parti mill-proċess hekk imsejjaħ ta' Lamfalussy, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2004/5/KE tal-5 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi l-Kumitat tas-Sorveljaturi tal-Banek Ewropej⁽¹⁾ (minn issa 'l quddiem "il-Kumitat"). Il-Kumitat beda jiffunzjona fl-1 ta' Jannar 2004, u jservi bħala korp indipendenti għal riflessjoni, dibattitu u konsulenza għall-Kummissjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni bankarji.

(6) Fl-14 ta' Mejju 2008⁽⁶⁾, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jstabbilixxu l-Kumitati tas-Superviżuri sabiex jiġu ggarantiti l-koerenza u l-konsistenza fil-mandati u l-kompiti tagħhom kif ukoll biex jissaħħu l-kontributi tagħhom favur il-kooperazzjoni u l-konverġenza superviżorja. Il-Kunsill innota li kompiti speċifiċi jistgħu espliċitament jingħataw lill-Kumitati sabiex tissewdaq il-kooperazzjoni u l-konverġenza superviżorja, u jittejjeb ir-rwol tagħhom fl-ivvalutar tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Għaldaqstant għandu jiġi pprovdut qafas ġuridiku msaħħaħ rigward ir-rwol u l-kompiti tal-Kumitat f'dan ir-rigward.

(2) Sabiex taqdi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji⁽²⁾, il-Kummissjoni wettqet eżami tal-proċess Lamfalussy fl-2007 u ppreżentat il-valutazzjoni tagħha fil-Komunikazzjoni tal-20 ta' Novembru 2007 intitolata "Reviżjoni tal-proċess Lamfalussy - It-tisħiħ tal-konverġenza tas-sorveljanza"⁽³⁾.

(7) Il-kompożizzjoni tal-Kumitat għandha tirrifletti l-organizzazzjoni tas-superviżjoni bankarja u għandha tqis ukoll ir-rwol tal-banek ċentrali fir-rigward tal-istabbiltà kumplessiva tas-settur bankarju fil-livell nazzjonali u Komunitarju. Id-drittijiet rispettivi tal-kategoriji differenti tal-parteċipanti għandhom ikunu identifikati b'mod ċar. Partikolarment, id-drittijiet tal-presidenza u tal-vot għandhom ikunu riservati għall-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru. Il-parteċipazzjoni f'diskussjonijiet kunfidenzjali dwar istituzzjonijiet individwali supervizzati għandhom, fejn xieraq, ikunu ristretti għall-awtoritajiet superviżorji kompetenti u għall-banek ċentrali f'dati b'responsabbiltajiet operattivi speċifiċi għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet supervizzati konċernati.

(3) Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni rrimarkat dwar l-importanza tal-Kumitat tar-Regolaturi ta' Titoli Ewropej, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej u l-Kumitat tas-Sorveljaturi tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitati tas-Superviżuri") f'suq finanzjarju Ewropew dejjem integrat. Qafas ċar għall-attivitajiet ta' dawk il-Kumitati fil-qasam tal-konverġenza u l-kooperazzjoni superviżorja tqies neċessarju.

(8) Il-Kumitat għandu jservi bħala grupp konsultattiv indipendenti tal-Kummissjoni fil-qasam tas-superviżjoni bankarja.

(4) Filwaqt li eżamina l-funzjonament tal-proċess Lamfalussy, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tiċċara r-rwol tal-Kumitati tas-Superviżuri u tqis l-alternattivi differenti kollha biex issaħħaħ il-ħidma ta' dawk il-Kumitati, mingħajr ma jintilef il-bilanċ tal-istruttura istituzzjonali

(9) Il-mandat tal-Kumitat għandu jkopri s-superviżjoni tal-konglomerati finanzjarji. Sabiex tiġi evitata d-dupplikazzjoni fix-xogħol, biex ma jitħallew inkonsistenzi, biex il-Kumitat jinżamm aġġornat dwar il-progress u jingħata l-opportunità li jiskambja informazzjoni, il-kollaborazzjoni mal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol fir-rigward tas-superviżjoni tal-konglomerati finanzjarji għandha titwettaq fil-Kumitat Konġunt dwar il-Konglomerati Finanzjarji.

⁽¹⁾ ĠU L 3, 7.1.2004, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9.

⁽³⁾ COM(2007) 727 finali.

⁽⁴⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 15698/07 tal-4 ta' Diċembru 2007.

⁽⁵⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 7652/1/08, Rev 1.

⁽⁶⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 8515/3/08, Rev 3.

- (10) Il-Kumitat għandu wkoll jikkontribwixxi favur l-implimentazzjoni ordinarja komuni u uniformi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-applikazzjoni konsistenti tagħha mill-awtoritajiet superviżorji.
- (11) Il-Kumitat ma għandu l-ebda setgħat regolatorji fil-livell Komunitarju. Għandu jwettaq analiżi laterali, jipromwovi l-aqwa prassi u joħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet u standards mhux vinkolanti sabiex tiżdied il-konverġenza madwar il-Komunità.
- (12) Kooperazzjoni superviżorja bilaterali u multilaterali mtejba tiddependi fuq il-fehim u fiduċja reċiproki fost l-awtoritajiet superviżorji. Il-Kumitat għandu jikkontribwixxu għat-titjib tat-tali kooperazzjoni.
- (13) Il-Kumitat għandu jsejdaq ukoll il-konverġenza superviżorja madwar il-Komunità. Sabiex ikun hemm aktar speċifità dwar dan l-għan, għandha tiġi stabbilita lista indikattiva u miftuħa ta' kompiti li għandhom jitwettqu mill-Kumitat.
- (14) Sabiex jiġu riżolti t-tilwimiet ta' natura transkonfinali bejn l-awtoritajiet superviżorji, partikolarment fi ħdan il-kulleġġi tas-superviżuri, il-Kumitat għandu jipprovdi mekkaniżmu ta' medjazzjoni volontarju u mhux vinkolanti.
- (15) Sabiex jibbenefikaw mill-għarfien espert miksub mill-Kumitat u mingħajr ħsara għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji, l-awtoritajiet superviżorji għandu jkollhom il-fakultà li jirreferu kwistjonijiet lill-Kumitat bil-ħsieb li tinkiseb l-opinjoni mhux vinkolanti tiegħu.
- (16) L-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji huwa fundamentali għall-funzjonijietom. Huwa kruċjali għas-superviżjoni effiċjenti tal-gruppi bankarji u għall-istabbiltà finanzjarja. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni bankarja timponi obbligi ċari legali fuq l-awtoritajiet superviżorji biex jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni, il-Kumitat għandu jiffaċilita l-iskambju prattiku ta' kuljum tal-informazzjoni fosthom, soġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' kunfidenzjalità stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli.
- (17) Sabiex titnaqqas id-dupplikazzjoni tal-kompiti superviżorji u b'hekk jiġi rrazzjonalizzat il-proċess superviżorju kif ukoll jitnaqqas il-piż impost fuq il-gruppi bankarji, il-Kumitat għandu jiffaċilita d-delegazzjoni tal-kompiti fost l-awtoritajiet superviżorji, partikolarment fil-każijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti.
- (18) Bil-ħsieb li tissejdaq il-konverġenza u l-konsistenza fost il-kulleġġi tas-superviżuri u b'hekk jiġi żgurat kuntest ekwu, il-Kumitat għandu jimmonitorja l-funzjonament tagħhom mingħajr ħsara għall-indipendenza tal-membri tal-kulleġġ.
- (19) Il-kwalità, il-komparabbiltà u l-konsistenza tar-rappurtar superviżorju huma ċentrali għall-kosteffiċjenza tal-arranġamenti superviżorji Komunitarji u l-piż tal-konformità fuq l-istituzzjonijiet transkonfinali. Il-Kumitat għandu jikkontribwixxi għall-iżgurar li d-dupplikazzjoni parzjali jew totali tiġi eliminata u li d-dejta tar-rappurtar tkun kumparabbli u ta' kwalità xierqa.
- (20) Is-sistemi finanzjarji fil-Komunità huma marbuta mill-qrib u l-avvenimenti fi Stat Membru wieħed jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji fi Stat Membru ieħor. L-emerġenza kontinwa ta' konglomerati finanzjarji u d-distinzjoni li qed tixxejjen bejn l-attivitajiet tad-ditti fis-setturi bankarji, tat-titoli u tal-assigurazzjoni qed iwasslu għal sfidi superviżorji addizzjonali fil-livell nazzjonali u Komunitarju. Sabiex titħares l-istabbiltà finanzjarja, tinħtieġ sistema fil-livell tal-Kumitat, tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli u tal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol sabiex jiġu identifikati r-riskji potenzjali, fost il-fruntieri u fost is-setturi, fi stadju bikri u, fejn meħtieġ, jiġu infurmati l-Kummissjoni u l-Kumitati l-oħra. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-Kumitat jiżgura li jiġu infurmati l-ministeri tal-finanzi u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-Kumitat għandu rwol, f'dan ir-rigward, li jidentifika r-riskji fis-settur bankarju u li regolament jirrapporta l-eżitu lill-Kummissjoni. Dwar dawn il-valutazzjonijiet għandu jiġi infurmat ukoll il-Kunsill. Il-Kumitat għandu jikkoopera wkoll mal-Parlament Ewropew u jipprovdi informazzjoni perjodika dwar is-sitwazzjoni fis-settur bankarju. Il-Kumitat ma għandux, f'dan ir-rigward, jiżvela informazzjoni dwar entitajiet individwali ssupervizzati.
- (21) Sabiex jiġu ttrattati kif xieraq kwisjonijiet transsettorjali, l-attivitajiet tal-Kumitat għandhom ikunu kkoordinati ma' dawk tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Kumitat tas-Superviżjoni Bankarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali. Dan huwa ta' importanza partikolari għall-indirizzar ta' riskji transsettorjali possibbli għall-istabbiltà finanzjarja.
- (22) Fid-dawl tal-globalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji u ż-żieda fl-importanza tal-istandards internazzjonali, il-Kumitat għandu jsejdaq ukoll id-djalogu u l-kooperazzjoni mas-superviżuri barra l-Komunità.
- (23) Ir-responsabbiltà tal-Kumitat lejn l-Istituzzjonijiet Komunitarji hija ta' importanza kbira u għandha tkun ta' livell stabbilit sew filwaqt li titħares l-indipendenza tas-superviżuri.

- (24) Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli tiegħu tal-proċedura u jirrispetta bis-sħiħ il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet u l-bilanċ istituzzjonali stabbiliti bit-Trattat. Il-qafas imtejjeb tal-attivitajiet tal-Kumitat għandu jiġi akkumpanjat minn proċessi operattivi mtejba. Għal dan il-għan, jekk kunsens ġenerali ma jkunx jista' jintlaħaq, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza kwalifikata bħal fir-regoli stabbiliti fit-Trattat.
- (25) Għal raġunijiet ta' sigurtà u ċarezza legali, id-Deċiżjoni 2004/5/KE għandha tiġi rrevokata.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'dan huwa stabbilit grupp konsultattiv indipendenti dwar is-superviżjoni bankarja fil-Komunità, imsejjaħ "il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

Artikolu 2

Il-Kumitat għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tat-tħejjija ta' abbozzi ta' miżuri implimentattivi fil-qasam tal-attivitajiet bankarji u fil-qasam tal-konglomerati finanzjarji, minn rajh jew fuq talba tal-Kummissjoni.

Fejn il-Kummissjoni titlob il-parir tal-Kumitat, tista' tistipula skadenza li fiha l-Kumitat għandu jipprovdi t-tali parir. It-tali skadenza għandha tkun stipulata b'qies għall-urġenza tal-kwistjoni.

Artikolu 3

Il-Kumitat għandu jaqdi l-kompiti assenjati lillu u jikkontribwixxi favur l-implimentazzjoni komuni u uniformi u l-applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja permezz tal-ħruġ ta' linji ta' gwida, rakkomandazzjonijiet u standards mhux vinkolanti.

Artikolu 4

1. Il-Kumitat għandu jtejjeb il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-qasam bankarju u jseddaq il-konverġenza tal-prattiki u l-approċċi superviżorji tal-Istati Membri madwar il-Komunità. Għal dan il-għan, għandu jwettaq, tal-anqas, il-kompiti segwenti:

- (a) ilaqqaq' u jiffaċilita l-medjazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji fil-każijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti jew fuq talba ta' awtorità superviżorja;
- (b) jipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet superviżorji fil-każijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti jew fuq talba tagħhom;

(c) jippromwovi l-iskambju effikaċi bilaterali u multilaterali tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji soġġett għad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-kunfidenzjalità;

(d) jiffaċilita l-iddelegar tal-kompiti fost l-awtoritajiet superviżorji, partikolarment bl-identifikazzjoni tal-kompiti li jistgħu jiġu ddelegati u bil-promozzjoni tal-aqwa prassi;

(e) jikkontribwixxi fl-iżgurar tal-funzjonament effiċjenti u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri partikolarment permezz tal-istipular ta' linji ta' gwida għall-funzjonament operattiv tal-kulleġġi, il-monitoraġġ tal-koerenza tal-prattiki tal-kulleġġi differenti u l-kondiviżjoni tal-aqwa prassi;

(f) jikkontribwixxi favur l-iżvilupp ta' standards ta' kwalità għolja u komuni ta' rappurtar superviżorju;

(g) janalizza l-applikazzjoni Prattika tal-linji ta' gwida, rakkomandazzjonijiet u l-istandards mhux vinkolanti maħruġa mill-Kumitat.

2. Il-Kumitat għandu janalizza l-prattiki superviżorji tal-Istati Membri u jivvaluta l-konverġenza tagħhom fuq bażi kontinwa. Il-Kumitat għandu jirrapporta annwalment dwar il-progress miksub u jidentifika l-ostakli li jkun fadal.

3. Il-Kumitat għandu jiżviluppa għodod prattiki ġodda ta' konverġenza biex jippromwovi approċċi superviżorji komuni.

Artikolu 5

1. Il-Kumitat għandu jimmonitorja u jivvaluta l-iżviluppi fis-settur bankarju u, fejn meħtieġ, jinforma lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, lill-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u lill-Kummissjoni. Il-Kumitat għandu jiżgura li l-ministeri tal-finanzi u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri jiġu infurmati dwar problemi potenzjali jew imminenti.

2. Il-Kumitat għandu, tal-anqas darbtejn fis-sena, jipprovdi lill-Kummissjoni b'valutazzjonijiet dwar ix-xerjiet mikroprudenzjali, ir-riskji potenzjali u d-dgħjufijiet fis-settur bankarju.

Il-Kumitat għandu jinkludi f'dawn il-valutazzjonijiet klassifika tar-riskji u d-dgħjufijiet ewlenin u jindika kemm hu possibbli li t-tali riskji u d-dgħjufijiet jheddu l-istabbiltà finanzjarja u, fejn meħtieġ, jipproponi azzjonijiet preventivi u rimedjali.

Il-Kunsill għandu jiġi infurmat dwar dawn il-valutazzjonijiet.

3. Il-Kumitat għandu jkollu fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-awtoritajiet superviżorji jirreaġixxu minnufih. Fejn xieraq, il-Kumitat għandu jiffaċilita valutazzjoni konġunta fost is-superviżuri fi ħdan il-Komunità dwar ir-riskji u d-dgħjufijiet li jistgħu jaffettwaw negattivament l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Komunità.

4. Il-Kumitat għandu jiżgura li jkunu koperti b'mod xieraq l-iżviluppi, r-riskji u d-dgħjufijiet transsettorjali permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, mal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u mal-Kumitat tas-Superviżjoni Bankarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

Artikolu 6

1. Il-Kumitat għandu jikkontribwixxi favur l-iżvilupp ta' prattiki superviżorji komuni fil-qasam bankarju, kif ukoll fuq bażi transsettorjali b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.

2. Għal dan il-għan, partikolarment għandu jstabbilixxi programmi tat-taħriġ settorjali u transsettorjali, jiffaċilita l-iskambju tal-personal u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jintesifikaw l-użu tal-iskemi ta' sekondament, ta' timijiet ta' spezzjoni konġunta u ta' żjarat superviżorji u għodod oħra.

3. Il-Kumitat għandu, fejn xieraq, jiżviluppa strumenti ġodda għall-promozzjoni tal-prattiki superviżorji komuni.

4. Il-Kumitat għandu jtejjeb il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi, partikolarment bil-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi komuni tat-taħriġ.

Artikolu 7

1. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli mill-organizzazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, minn hawn 'il quddiem "l-awtoritajiet superviżorji kompetenti";
- (b) il-banek ċentrali nazzjonali inkarigati b'responsabbiltajiet operattivi speċifiċi għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet individwali tal-kreditu flimkien ma' awtorità superviżorja kompetenti;
- (c) il-banek ċentrali li ma jkunux direttament involuti fis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet individwali tal-kreditu, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentanti ta' livell għoli sabiex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jinnomina rappreżentant ta' livell għoli sabiex jipparteċipa fil-Kumitat.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun preżenti fil-laqgħat tal-Kumitat u għandha taħtar rappreżentant ta' livell għoli sabiex jieħu sehem fid-dibattiti tiegħu.

4. Il-Kumitat għandu jeleġġi president minn fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti.

5. Il-Kumitat jista' jistieden esperti u osservaturi sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu.

Artikolu 8

1. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu meħtieġa ma jiżvelawx informazzjoni koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Il-parteċipanti kollha fid-diskussjonijiet għandhom ikunu obbligati jikkonformaw mar-regoli applikabbli tas-segretezza professjonali.

2. Kull meta d-diskussjoni dwar *agendum* tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali li tikkonċerna istituzzjoni ssupervizzata, il-parteċipazzjoni fit-tali diskussjoni tista' tiġi ristretta għall-awtoritajiet superviżorji kompetenti involuti direttament u l-banek ċentrali nazzjonali inkarigati b'responsabbiltajiet operattivi speċifiċi għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet individwali tal-kreditu konċernati.

Artikolu 9

1. Il-Kumitat għandu jinforma regolarment lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-attivitajiet tiegħu. Għandu jkollu kuntatti regolari mal-Kumitat tal-Banek Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/10/KE ⁽¹⁾ u mal-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.

2. Il-Kumitat għandu jiżgura l-konsistenza transsettorjali tal-ħidma fis-setturi tas-servizzi finanzjarji permezz ta' kooperazzjoni regolari u mill-qrib mal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.

3. Il-president tal-Kumitat għandu jiltaqa' mal-presidenti tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli u tal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tal-anqas darba fix-xahar.

Artikolu 10

Il-Kumitat jista' jstabbilixxi gruppi ta' ħidma. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna għal-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma bħala osservatur.

⁽¹⁾ ĠU L 3, 7.1.2004, p. 36.

Artikolu 11

Il-Kumitat għandu jikkoopera fil-qasam tas-superviżjoni tal-konglomerati finanzjarji mal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol f'Kumitat Konġunt dwar il-Konglomerati Finanzjarji.

Il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt dwar il-Konglomerati Finanzjarji bħala osservaturi.

Artikolu 12

Qabel ma jittrasmetti l-opinjoni tiegħu lill-Kummissjoni, il-Kumitat għandu, fi stadju bikri, jikkonsulta estensivament mal-parteċipanti, l-konsumaturi u l-utenti finali tas-suq b'mod miftuħ u trasparenti. Il-Kumitat għandu jippubblika r-riżultati tal-konsultazzjonijiet, sakemm il-parteċipant ma jitlobx xort'oħra.

Meta jkun qed jagħti parir dwar dispożizzjonijiet applikabbli kemm għall-istituzzjonijiet tal-kreditu kif ukoll għad-ditti tal-investment, il-Kumitat għandu jikkonsulta l-awtoritajiet kollha li jkunu kompetenti għas-superviżjoni tad-ditti tal-investment u li ma jkunux diġà rrappreżentati fil-Kumitat.

Artikolu 13

Il-Kumitat għandu jfassal programm annwali ta' ħidma u jibagħtu lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni sa tmiem Ottubru ta' kull sena. Il-Kumitat għandu perjudikament u tal-anqas kull sena jinforma lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar il-ksib tal-attivitajiet stipulati fil-programm ta' ħidma.

Artikolu 14

Il-Kumitat għandu jopera bil-kunsens tal-membri tiegħu. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, id-deċizzjonijiet għandhom

jittieħdu b'vot ta' maġġoranza kwalifikata. Il-voti tal-membri tal-Kumitat għandhom jikkorrispondu għall-voti tal-Istati Membri kif stipulati fl-Artikolu 205(2) u (4) tat-Trattat.

Il-membri tal-Kumitat li ma jsewewx il-linji ta' gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards u miżuri oħra miftehma fil-Kumitat għandhom ikunu lesti jippreżentaw ir-raġunijiet għal din l-għażla.

Artikolu 15

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura u jorganizza l-arranġamenti operattivi tiegħu stess.

Fir-rigward tad-deċizzjonijiet dwar l-emendi tar-regoli ta' proċedura u ta' elezzjonijiet fil-Bord tal-Kumitat jew tat-tneħħija minnu, ir-regoli ta' proċedura jistgħu jipprevedu proċeduri għat-teħid tad-deċizzjonijiet li jkunu differenti minn daww stipulati fl-Artikolu 14.

Artikolu 16

Id-Deċiżjoni 2004/5/KE hija rrevokata.

Artikolu 17

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membre tal-Kummissjoni